

32006R1950

22.12.2006

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 367/33

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1950/2006

tat-13 ta' Diċembru 2006

**Li jistabbilixxi, skond id-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kodiċi tal-Komunità relatat mal-prodotti mediċinali veterinarji, lista ta' sostanzi essenzjali għall-kura ta' l-ekwidi**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità relatat mal-prodotti mediċinali veterinarji <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(3) tagħha,

Billi:

- (1) Ebda prodott mediċinali veterinarju ma jista' jitqiegħed fis-suq ta' Stat Membru sakemm awtorizzazzjoni tas-suq ma tinħariġx mill-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru skond id-Direttiva 2001/82/KE jew skond ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri tal-Komunità għall-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni tal-prodotti mediċinali għall-użu uman u veterinarju u li jstabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini <sup>(2)</sup>.
- (2) Il-prodotti mediċinali veterinarji għall-ipproċessar ta' l-ikel ta' l-annimali inkluż l-ekwidi jista' jiġi awtorizzat biss fuq ċertu kundizzjonijiet li jggarantixxu li l-oġġetti ta' l-ikel prodotti ma jagħmlux ħsara lill-konsumaturi fir-rigward ta' residwi ta' prodotti mediċinali simili, skond ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90 tas-26 ta' Ġunju 1990 li jstabbilixxi proċedura tal-Komunità għat-twaqqif ta' limiti massimi ta' residwi għal prodotti mediċinali fl-oġġetti ta' l-ikel li joriġinaw mill-annimali <sup>(3)</sup>.
- (3) Għar-raġunijiet stabbiliti fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew dwar "Id-Disponibbiltà tal-prodotti mediċinali veterinarji" <sup>(4)</sup>, il-firxa disponibbli ta' prodotti mediċinali veterinarji awtorizzati, partikolarment għal annimali għall-produzzjoni ta' l-ikel, bil-mod qed tonqos.
- (4) Konsegwentement, il-miżuri mmirati għat-twessigħ sostenibbli tat-terapiji huma meħtieġa sabiex jilhqqu l-bżonnijiet

tas-saħħa u l-benesseri ta' annimali li jipproduċu l-ikel, bħal annimali tal-familja ta' l-ekwidi, mingħajr ma jiġi compromess il-livell għoli tal-ħarsien tal-konsumatur.

- (5) Permezz tad-deroga provduta fid-Direttiva 2001/82/KE, l-ekwidi intenzjonati għall-qatla għall-konsum uman jistgħu jiġu amministrati sustanzi essenzjali għall-kura tagħhom, minn issa 'l quddiem imsejja "sustanzi essenzjali", soġġetti għal perjodu ta' rtirar ta' għall-anqas sitt xhur.
- (6) Għall-iskop ta' dik id-deroga, il-lista ta' sustanzi essenzjali għandha għalhekk tiġi stabbilita. Sustanza għandha tiġi inkluża f'dik il-lista biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali fejn ebda kura alternattiva sodisfaċenti għal indikazzjoni terapewtika m'hi awtorizzata u fejn il-kundizzjoni, jekk ma tiġix ikkurata, toħloq sofferenza żejda lill-annimal.
- (7) Kundizzjonijiet speċifiċi tal-marda jew skopijiet zootekniki jistgħu jeħtieġu għażla ta' sustanzi sabiex ikunu disponibbli sabiex jipprovdu għal kundizzjonijiet differenti relatati ma' l-età u l-użu ta' l-ekwidi.
- (8) Minħabba li, taħt id-Direttiva 2001/82/KE, is-sustanzi mniżżla fl-Annessi I, II jew III għar-Regolament (KEE) Nru 2377/90 li m'humiex awtorizzati fi prodotti għall-ekwidi jistgħu, f'ċerti ċirkostanzi, jiġu użati għall-kura ta' l-ekwidi, dawk is-sustanzi m'għandhomx jidhru fil-lista ta' sustanzi essenzjali. Aktar minn hekk, ebda sustanza mniżżla fl-Anness IV għar-Regolament (KEE) Nru 2377/90 m'għandha tiġi inkluża fil-lista. Konsegwentement, l-inklużjoni ta' sustanza fl-Annessi I sa IV għar-Regolament (KEE) Nru 2377/90 għandha tipprekludi l-użu tagħha bħala sustanza essenzjali għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament.
- (9) Meħtieġ li tiġi żgurata sorveljanza adatta ta' l-ekwidi li ġew trattati b'sostanzi essenzjali. Għalhekk, il-mekkaniżmi tal-kontroll stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/623/KE ta' l-20 ta' Ottubru 1993 li jstabbilixxu dokument ta' identifikazzjoni (passaport) li jakkompanja ekwidi reġistrati <sup>(5)</sup> u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/68/KE tat-22 ta' Diċembru 1999 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/623/KEE u tistabbilixxi l-identifikazzjoni ta' l-ekwidi għat-trobbija u l-produzzjoni <sup>(6)</sup> biex tissalvagwardja s-saħħa tal-konsumatur għandha tapplika.

<sup>(1)</sup> ĠU L 311, 28.11.2001, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2004/28/KE (ĠU L 136, 30.4.2004, p. 58).

<sup>(2)</sup> ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 224, 18.8.1990, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 205/2006 (ĠU L 34, 7.2.2006, p. 21).

<sup>(4)</sup> COM(2000) 806 finali, 5.12.2000.

<sup>(5)</sup> ĠU L 298, 3.12.1993, p. 45.

<sup>(6)</sup> ĠU L 23, 28.1.2000, p. 72.

- (10) Huwa meħtieġ li jkun żgurat li kull emenda fil-lista tas-sostanzi essenzjali tkun suġġetta għal evalwazzjoni xjentifika armonizzata mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 726/2004. B'żieda ma' dan, l-Istati Membri u l-assoċjazzjonijiet professjonali veterinarji li talbu emenda ta' dik il-lista għandhom jissostanzjaw kif xieraq it-talba tagħhom u jipprovdu *data* xjentifika relevanti.
- (11) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar Prodotti Mediċinali Veterinarji,

## ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-lista tas-sostanzi essenzjali għall-kura ta' ekwidi, minn issa 'l quddiem imsejħa "sostanzi essenzjali", applikabbli permezz tad-deroga mill-Artikolu 11 tad-Direttiva 2001/82/KE, hija stabbilita fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Is-sostanzi essenzjali jistgħu jiġu użati għal kondizzjonijiet ta' mard speċifiku, b'żoni ta' kura jew skopijiet zootekniki speċifikati fl-Anness, fejn ebda prodott mediċinali awtorizzat għall-ekwidi jew imsemmi fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 2001/82/KE ma jagħti riżultati ugwalment sodisfaċenti f'termini ta' kura b'suċċess lill-annimal, ma jevita sofferenza żejda lill-annimali, jew ma jiżgurax is-sigurtà ta' dawk li jikkuraw l-annimal.

Għall-iskopijiet ta' l-ewwel paragrafu, l-alternattivi elenkati fl-Anness għandhom ikunu kkunsidrati.

*Artikolu 3*

1. Is-sostanzi essenzjali jistgħu jiġu użati biss skond l-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 2001/82/KE.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 13 ta' Diċembru 2006.

2. Id-dettalji tal-kura bis-sostanzi essenzjali jridu jiġu rrekordjati skond l-istruzzjonijiet stabbiliti fis-Sezzjoni IX tad-dokument ta' identifikazzjoni għall-ekwidi stabbilit fid-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 93/623/KE u 2000/68/KE.

*Artikolu 4*

Kull sostanza li tiddaħħal f'waħa mil-listi fl-Annessi I sa IV għar-Regolament (KE) Nru 2377/90, jew li l-użu tagħhom għall-ekwidi huwa projbit mil-leġislażzjoni tal-Komunità, m'għandhiex tiġi użata bħala sostanza essenzjali għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 5*

1. L-Aġenzija Ewropea tal-Mediċini għandha, fuq talba tal-Kummissjoni, tiżgura li l-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu Veterinarju jwettaq evalwazzjoni xjentifika ta' kull emenda abbozz għal-lista stabbilita fl-Anness.

Fi żmien 210 ijiem wara li waslet talba simili, l-Aġenzija Ewropea tal-Mediċini għandha twassal opinjoni lill-Kummissjoni dwar l-adattabilità xjentifika ta' l-emenda.

Fejn adatt, l-Awtorità Ewropea tas-Sigurtà ta' l-Ikel għandha tiġi kkonsultata wkoll.

2. Meta Stati Membri jew assoċjazzjonijiet veterinarji professjonali jitolbu lill-Kummissjoni biex temenda l-lista stabbilita fl-Anness għandhom jissostanzjaw sewwa t-talba tagħhom u jinkludu kull *data* xjentifika relevanti disponibbli.

*Artikolu 6*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Għall-Kummissjoni  
Günter VERHEUGEN  
Membru tal-Kummissjoni

## ANNEX

## Lista ta' Sostanzi Essenzjali għall-Kura ta' l-Ekwidi

Il-perjodu ta' rtirar ta' kull sostanza mil-lista li ġejja għandu jkun ta' 6 xhur.

Indikazzjoni	Sustanza Attiva	Ġustifikazzjoni u spjegazzjoni ta' l-użu
Anestetiċi, analġeżiċi u sostanzi użati f'assoċjazzjoni ma' l-anesteżija		
— Sedazzjoni u premedikazzjoni (u antagoniżmu)	Acepromazine	<p><b>Għan:</b> Premedikazzjoni qabel anesteżija ġenerali, sedazzjoni mhux qawwija</p> <p><b>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi:</b> Detomidine, romfidine, xylazine, diazepam, midazolam</p> <p><b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> L-Acepromazine b'mod konsistenti wera li jnaqqas ir-risku mill-mewt mill-anesteżija. Mod ta' azzjoni u l-kwalità unika tas-sedazzjoni ma jistgħux jiġu prodotti mis-sedattivi agonisti alpha-2 (detomidine, romifidine u xylazine) jew il-benzodiazepines (diazepam, midazolam)</p>
	Atipamezole	<p><b>Għan:</b> α-2 adrenoceptor antagonist użat għat-treġġija lura ta' α-2 agonists.</p> <p><b>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi:</b> Ebda alternattiva m'hi identifikata</p> <p><b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> L-unika kura għal individwi b'sensittività żejda u doża eċċessiva. Mediċini għall-emerġenza. Użata speċifikament f'każijiet ta' depressjoni respiratorja.</p>
	Diazepam	<p><b>Għan:</b> Premedikazzjoni u induzzjoni ta' l-anesteżija. Trankwilizzazzjoni mhux qawwija (benzodiazepine) b'effetti sekondarji kardjovaskulari u respiratorji minimi. Kontra l-konvulsjonijiet, essenzjali għall-kura tal-puplesija.</p> <p><b>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi:</b> Acepromazine, detomidine, romfidine, xylazine, midazolam, primidone, phenytoin</p> <p><b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> Fi standards mediċinali moderni, komponent essenzjali tal-protokoll għall-induzzjoni ta' l-anesteżija b'esperjenza konsiderevoli fuq l-ekwidi. Użata mal-ketamine għall-induzzjoni ta' l-anesteżija, li tipproduċi rilassament essenzjali li jippermetti induzzjoni kostanti u intubazzjoni. Mod ta' azzjoni (jaġixxi bħala riċevitur GABA) u trankwilizzazzjoni mingħajr depressjoni kardjorespiratorja ma tistax tiġi prodotta mis-sedattivi α-2 agonist (detomidine, romifidine u xylazine) jew acepromazine.</p>
	Midazolam	<p><b>Għan:</b> Premedikazzjoni u induzzjoni ta' l-anesteżija. Trankwilizzazzjoni mhux qawwija (benzodiazepine) b'effetti sekondarji kardjovaskulari u respiratorji minimi. Kontra l-konvulsjonijiet, għall-kura tal-puplesija, partikolarment żwiemel adulti bit-tetnu</p> <p><b>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi:</b> Acepromazine, detomidine, romfidine, xylazine, diazepam, primidone, phenytoin</p> <p><b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> Simili għad-diazepam imma jinħall fl-ilma, għalhekk adatt għall-injezzjoni ġol-vini u essenzjali għall-infużjoni fil-vini flimkien ma' l-anestetiċi. Idum jaħdem anqas mid-diazepam. Aktar adatt mid-diazepam għall-mohor.</p> <p>Kontra l-konvulsjonijiet, għall-kura tal-puplesija, partikolarment żwiemel adulti bit-tetnu — aħjar mid-diazepam għall-użu tul numru ta' ġranet minħabba li jinħall fl-ilma.</p> <p>Użat mal-ketamine għall-induzzjoni ta' l-anesteżija, li tipproduċi rilassament essenzjali li jippermetti induzzjoni kostanti u intubazzjoni.</p> <p>Mod ta' azzjoni (jaġixxi bħala riċevitur GABA) u trankwilizzazzjoni mingħajr depressjoni kardjorespiratorja ma tistax tiġi prodotta mis-sedattivi α-2 agonist (detomidine, romifidine u xylazine) jew acepromazine.</p>
	Naloxone	<p><b>Għan:</b> Opioid-Antidote, Mediċini għall-emerġenza</p> <p><b>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi:</b> Ebda alternattiva m'hi identifikata</p> <p><b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> Ebda alternattiva m'hi disponibbli</p>

Indikazzjoni	Sustanza Attiva	Ġustifikazzjoni u spjegazzjoni ta' l-użu
	Propofol	<p><b>Għan:</b> Anestetiku għal ġol-vini. Induzzjoni ta' anestetiku fil-mohor.</p> <p><b>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi:</b> Ġbid permezz tan-nifs ta' anestetiki bħas-Sevoflurane jew Isoflurane</p> <p><b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> Anestetiku li jista' jiġi injettat u li jitlaq malajr. Rapporti riċenti juru titjib vast fl-istabbiltà kardjovaskulari u l-kwalità ta' l-irkupru minn meta wieħed jiġbed bin-nifs l-anesteżija.</p>
	Sarmazenil	<p><b>Għan:</b> Benzodiazepine antagonist.</p> <p><b>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi:</b> Flumazenil</p> <p><b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> Treġġija lura bla problemi tas-sedazzjoni bil-benzodiazepine meħtieġa wara l-infużjoni matul anesteżija ġol-vini. L-aktar esperjenza klinika wiesgħa bis-Sarmazenil mera kkumparata ma' kandidati potenzjali oħra għas-sustanzi essenzjali.</p>
	Tiletamine	<p><b>Għan:</b> Anestetika dissassoċjattiva simili għall-ketamine, użata speċjalment għall-anesteżija fl-għelieqi. Użata flimkien maż-zolazepam.</p> <p><b>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi:</b> Ketamine</p> <p><b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> L-użu flimkien maż-zolazepam huwa essenzjali f'każijiet fejn m'hemmx aċċess għall-anesteżija bin-nifs bħal fl-anesteżija fl-għelieqi. Il-Kombinazzjoni hija essenzjali wkoll fejn l-anesteżija mal-kombinazzjonijiet tal-ketamine hija qasira wisq. Applikazzjonijiet tipiċi huma kastrazzjonijiet, laringotomija, tneħħija tal-perjostite, tneħħija ta' għoqiedi jew ċesti, fejqan ta' ksur fil-wiċċ, applikazzjoni tal-forom u tiswija tal-ftuq.</p>
	Zolazepam	<p><b>Għan:</b> Anestetika dissassoċjattiva simili għall-ketamine, użata speċjalment għall-anesteżija fl-għelieqi. Użata flimkien mat-tiletamine.</p> <p><b>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi:</b> Ketamine</p> <p><b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> Trankwillizzatur Benzodiazepine, li m'għadux jaġixxi la bħala diazepam u lanqas bħala midazolam. L-użu mat-Tiletmine huwa essenzjali f'każijiet fejn m'hemmx aċċess għall-anesteżija bin-nifs bħal fl-anesteżija fl-għelieqi. Il-kombinazzjoni hija essenzjali fejn l-anesteżija mal-kombinazzjonijiet tal-ketamine hija qasira wisq. Applikazzjonijiet tipiċi huma kastrazzjonijiet, laringotomija, tneħħija tal-perjostite, tneħħija ta' għoqiedi jew ċesti, fejqan ta' ksur fil-wiċċ, applikazzjoni tal-forom u tiswija tal-ftuq.</p>
— Pressjoni baxxa jew stimolazzjoni respiratorja waqt l-anesteżija	Dobutamine	<p><b>Għan:</b> Kura tal-pressjoni baxxa waqt l-anesteżija.</p> <p><b>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi:</b> Dopamine</p> <p><b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> Terapija inotropika pożittiva, probbabilment użata aktar mid-dopamina imma l-preferenza tvarja. Iż-żwiemel normalment jiżviluppaw pressjoni baxxa waqt l-anesteżija, u ż-żamma ta' pressjoni tad-demmi normali wriet li tnaqqas l-inciċenza ta' <i>rhabdomyolysis</i> serja wara l-operazzjoni. Id-dobutamina hija imprezzabbli waqt anesteżija volatili fiż-żwiemel.</p>
	Dopamine	<p><b>Għan:</b> Kura tal-pressjoni baxxa waqt l-anesteżija.</p> <p><b>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi:</b> Dobutamine</p> <p><b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> Id-dopamina hija meħtieġa fiż-żwiemel li ma jirrispondux għad-dobutamine. Fil-mohor id-dopamine hija ppreferuta mid-dobutamine. Hija meħtieġa addizzjonalment għall-kura tal-bradydysrhythmias interoperattiva li huma reżistenti għall-atropine.</p>

Indikazzjoni	Sustanza Attiva	Ġustifikazzjoni u spjegazzjoni ta' l-użu
	Ephedrine	<p><b>Għan:</b> Kura tal-pressjoni baxxa waqt l-anesteżija.</p> <p><b>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi:</b> Dopamine, dobutamine</p> <p><b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> Meħtieġa meta d-dopamine u d-dobutamine huma ineffettivi. Aġent sintomimetiku uniku, li strutturalment huwa simili għall-adrenalina. Huwa impossibbli li tintuża l-azzjoni tal-katekolamini fuq riċevituri speċifiċi fil-ġisem għall-benefiċċju tal-pazjenti ekwidi mingħajr rikors għall-użu ta' numru ta' katekolamini, kull wieħed attiv fuq profil ta' riċevitur differenti. Għalhekk l-ephedrine, li jikkawża rilaxxament noradrenaline fit-tmiem tan-nervituri, u b'hekk tiżdied il-kontrazzjoni kardijaka u pressjoni baxxa, hija użata meta d-dobutamine u d-dopamina huma ineffettivi. L-ephedrine idum minn minuti sa sığhat u huwa effettiv wara injezzjoni waħda fil-vina, filwaqt li d-dobutamine u d-dopamine idum biss fit sekondi jew minuti u jrid jingħata b'infużjoni.</p>
	Glycopyrrolate	<p><b>Għan:</b> Prevenzjoni tal-bradycardia. Anticholinergic. Anticholinergics huma kura fundamentali għall-prevenzjoni ta' effetti parasimpatetiċi bħall-bradycardia u huma komponenti ta' rutina ta' operazzjonijiet fl-għajnejn fil-passaġġ tan-nifs.</p> <p><b>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi:</b> Atropine</p> <p><b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> Glycopyrrolate għandu effett ċentrali limitat u huwa aktar adatt fiż-żwiemel konxji (qabel u wara l-anesteżija) mill-atropine.</p>
	Noradrenaline (norepinephrine)	<p><b>Għan:</b> Attakk tal-qalb. Infużjoni għall-kura ta' attacchi tal-qalb fil-mohor.</p> <p><b>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi:</b> Ebda alternattiva m'hi identifikata</p> <p><b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> Il-profil tar-riċevitur tal-catecholamine ta' l-animali jirrispondi preċiżament għal mediċini li jaġixxu fuq siti differenti. Għalhekk firxa ta' catecholamines li jaġixxu aktar jew anqas esklussivament fuq tipi differenti ta' riċevituri androġeniċi huma użati biex jipproduċi effetti preċiżi. In-noradrenaline taġixxi primarjament fuq riċevituri alpha-1 biex idejqu l-friegħi ta' l-arterji, b'hekk tiżdied il-pressjoni tad-dem u tinżamm iċ-ċirkolazzjoni ċentrali. Fil-mohor, in-noradrenalina hija b'mod komuni l-unika catecholamine effettiv fil-kura tal-pressjoni baxxa.</p>
— Analgesia	Buprenorphine	<p><b>Għan:</b> Analgesia, użata mas-sedattivi għaż-żamma tas-sedazzjoni.</p> <p><b>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi:</b> Butorphanol, fentanyl, morphine u pethidine,</p> <p><b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> <math>\mu</math>-agonist opioid analgesic parzjali. L-attività ta' l-<math>\mu</math>-riċevitur tipproduċi analgesia aħjar milli <math>\kappa</math>-agonist opioids bħall-butorphanol. Analgesic li jdum jaġixxi. Minħabba l-karatteristika agonista parzjali, għandu karatteristiċi dipressanti respiratorji u addittivi limitati. Opioids li jaġixxu fit-tul jew fil-qosor li għandhom indikazzjonijiet differenti, għalhekk il-bżonn ta' aktar minn sustanza alternattiva waħda bħala għażla.</p>
	Fentanyl	<p><b>Għan:</b> Analgesia</p> <p><b>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi:</b> Butorphanol, buprenorphine, morphine u pethidine</p> <p><b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> <math>\mu</math>-agonist opioid, l-attività ta' l-<math>\mu</math>-riċevitur tipproduċi analgesia aħjar milli <math>\kappa</math>-agonist opioids bħall-butorphanol. Jaġixxi fil-qosor ħafna minħabba metaboliżmu rapidu u minħabba li jintrema. Fentanyl huwa l-uniku opioid użat fiż-żwiemel li huwa adatt għall-infużjoni u għall-amministrazzjoni minn parti tal-ġilda. Huwa ferm effettiv għall-immaniġġjar ta' l-uġiġħ.</p>
	Morfina	<p><b>Għan:</b> Analgesia</p> <p><b>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi:</b> Butorphanol, buprenorphine, pethidine u fentanyl</p> <p><b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> <math>\mu</math>-agonist opioid analgesic sığh. L-attività ta' l-<math>\mu</math>-riċevitur tipproduċi l-aħjar analgesia. Analgesia, użata mas-sedattivi għaż-żamma, użata għall-anesteżija epidurali. Analgesic ta' dewmien medju. Il-morfina hija l-antagonist u-opioid b'karatteristiċi li jin-ħallu l-aħjar għall-amministrazzjoni epidurali. Din tippovdi analgesia li jaġixxu fit-tul bi ftit effetti sistematiki permezz ta' din ir-rotta. Din it-teknika tintuża b'mod komuni fil-mediċina veterinarja komuni għall-kura ta' uġiġħ qawwi waqt l-operazzjoni u uġiġħ kroniku.</p>

Indikazzjoni	Sustanza Attiva	Ġustifikazzjoni u spjegazzjoni ta' l-użu
	Pethidine	<p><b>Għan:</b> Analgesia</p> <p><b>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi:</b> Butorphanol, buprenorphine, morphine u fentanyl</p> <p><b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> <math>\mu</math>-agonist opioid analgesic madwar 10 darbiet anqas potenti mill-morfina. Opioid li jaġixxi mhux fit-tul li wera li huwa effettiv biex jikkura l-kolika spasmidika fiż-żwiemel. L-unika opioid b'karatteristiċi spasmolitici. Aktar sedazzjoni u anqas potenzjal għal eċitament minn opioids fiż-żwiemel.</p>
— <b>Rilassanti tal-muskoli u sostanzi assoċjati</b>	Atracurium	<p><b>Għan:</b> Rilassament tal-muskoli waqt l-anesteżija</p> <p><b>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi:</b> Guaifenesin</p> <p><b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> Aġent li jimblokka n-nondepolarizzazzjoni neuromuskolari. Aġenti ta' b'blokkar neuromuskolari huma użati b'mod partikolari għal operazzjonijiet ta' l-għajnejn u kirurġija fonda addominali. L-edrophonium huwa meħtieġ għat-treġġija lura mill-loppju. Atracurium u edrophonium għandha <i>data</i> mill-aktar estensiva ta' appoġġ kliniku.</p>
	Edrophonium	<p><b>Għan:</b> Treġġiġh lura tar-rilassament tal-muskolu atracurium</p> <p><b>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi:</b> Inhibituri cholinesterase ieħor</p> <p><b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> Cholinesterase inhibitor, essenzjali għat-treġġiġh lura ta' l-ibblukkar neuromuskolari. Edrophonium għandu l-anqas effetti sekondarji mill-inibituri cholinesterase fiż-żwiemel.</p>
	Guaifenesin	<p><b>Għan:</b> Rilassament tal-muskoli waqt l-anesteżija</p> <p><b>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi:</b> Atracurium</p> <p><b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> Alternattiva essenzjali għar-regimens <math>\alpha</math>-2/ketamine fiż-żwiemel fejn <math>\alpha</math>-2 agents u l-ketamine huma kontraindikati bħal fiż-żwiemel li ma jirrispondux għal dawg l-aġenti jew żwiemel li urew effetti negattivi f'amministrazzjoni preċedenti. Imprezzabbli f'kombinazzjoni mal-ketamine u <math>\alpha</math>-2 agents għal anesteżija fil-post sigura li għaliha ma ġewx żviluppata tekniki fil-vini alternattivi effettivi.</p>
— <b>Anestetiċi li jit-tieħdu bin-nifs</b>	Sevoflurane	<p><b>Għan:</b> It-teħid bin-nifs ta' anesteżija għaż-żwiemel li jkollhom ksur fl-għadam jew ksur ortopediku ieħor u l-induzzjoni ta' l-anesteżija fil-mohor</p> <p><b>Identifikazzjoni ta' alternattivi:</b> Isoflurane, halothane, enflurane</p> <p><b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> Is-sevoflurane huwa anestetiku volatil b'metaboliżmu minuri u jitneħħa malajr. Filwaqt li hemm MRL għall-isoflurane fl-UE l-isoflurane m'huwiex adatt għall-każijiet kollha ta' anesteżija ta' l-ekwidi minħabba l-karatteristiċi ta' rkupru fejn l-eċitament jista' jwassal liż-żiemel li jikser siequ. Is-sevoflurane huwa essenzjali f'ċertu kirurġiji ta' l-ekwidi fejn l-irkupru bla problemi huwa vitali, kif għe muri li jipproduċi rkupru b'anqas problemi fiż-żwiemel. Huwa għalhekk magħżul bi preferenza għall-isoflurane għaż-żwiemel bi ksur fl-għadam u problemi ortopediċi oħra. Aktar minn hekk is-sevoflurane huwa essenzjali għal induzzjoni bil-maskla ta' l-anesteżija fil-mohor minħabba li ma joħloq ebda irritazzjoni bil-kontra ta' l-isoflurane, li huwa irritant u għalhekk jikkawża sogħla u żamma tan-nifs.</p>
— <b>Anestetiċi lokali</b>	Bupivacaine	<p><b>Għan:</b> Anesteżija lokali</p> <p><b>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi:</b> Lidocaine</p> <p><b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> Anestetiku lokali li jdem jaġixxi. Dewmien fit-tul ta' l-azzjoni meħtieġa għal perioperative analgesia u kura ta' uġiġħ kroniku qawwi bħal-laminitis. Bupivacaine m'għadux jaġixxi bħala anestetiku lokali mil-lidocaine użat b'mod komuni. Lidocaine waħdu jaġhti kważi siegħa ta' anesteżija lokali. Iż-żieda ta' l-adrenalina tista' ttawwal l-effett għal saġhtejn, imma hemm ir-riskju li twaqqaf id-demmi lokalmment, u dan jagħmilha mhux adatta f'numru ta' kondizzjonijiet. Bupivacaine jipprovdi 4-6 sigħat ta' anesteżija lokali u għalhekk huwa ħafna aktar adatt għal analgesia post-operattiva u għall-immuniġġjar tal-laminitis minħabba li injezzjoni waħda, spiss hi biżżejjed; dan huwa essenzjali fuq raġunijiet ta' benesseri minn injezzjonijiet ripetuti kull siegħa ta' lignocaine. Anestetiċi lokali li jaġixxu mhux fit-tul m'humix għalhekk adatti għal dan t'hawn fuq minħabba li jeħtieġu injezzjonijiet ripetuti b'aktar riskju ta' reazzjonijiet negattivi u ma jiġux aċċettati minħabba l-benesseri ta' l-annimal.</p>



Indikazzjoni	Sustanza Attiva	Ġustifikazzjoni u spjegazzjoni ta' l-użu
	Oxybuprocaine	<p><b>Għan:</b> Anesteżija lokali għall-użu fl-għajnejn</p> <p><b>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi:</b> Anestetiċi oħra lokali għall-użu fl-għajnejn bħall-amethocaine, proxymetacaine</p> <p><b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> L-aktar esperjenza klinika wiesgħa bis-Oxybuprocaine meta kkumparata ma' kandidati potenzjali oħra għas-sustanzi essenzjali.</p>
	Prilocaine	<p><b>Għan:</b> Anesteżija lokali qabel katerizzazzjoni fil-vini</p> <p><b>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi:</b> Ebda alternattiva m'hi identifikata</p> <p><b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> Fi preparazzjonijiet speċifiċi (taħlita ewtettika ta' anestetiċi lokali) għall-applikazzjoni topika fil-ġilda fejn tiġi assorbita f'40 minuta. Użata biex tiffaċilita katerizzazzjoni fil-vini, speċjalment fil-mohor.</p>

### Mediċini kardjovaskolari

	Digoxin	<p><b>Għan:</b> Kura għal insuffiċjenza kardijaka</p> <p><b>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi:</b> Ebda alternattiva m'hi identifikata</p> <p><b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> Addizzjonalment id-digoxin huwa l-unika kura għal effetti sekondarji tal-kura tal-Quinidine</p>
	Quinidine sulfate u Quinidine gluconate	<p><b>Għan:</b> Kura għal taħbit irregolari tal-qalb</p> <p><b>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi:</b> Procainamide, Propanolol</p> <p><b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> Aġent kontra ritmi irregolari. L-użu huwa rari imma għażla terapewtika importanti, mod differenti ta' azzjoni neċessarja għal tipi differenti ta' taħbit irregolari tal-qalb. Kura ta' għażla għal fibrillazzjoni atrijali.</p>
	Procainamide	<p><b>Għan:</b> Kura għal taħbit irregolari tal-qalb</p> <p><b>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi:</b> Quinidine sulfate u quinidine gluconate, propanolol</p> <p><b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> Aġent kontra ritmi irregolari. L-użu huwa rari imma għażla terapewtika importanti, mod differenti ta' azzjoni neċessarja għal tipi differenti ta' taħbit irregolari tal-qalb.</p>
	Propanolol	<p><b>Għan:</b> Kura għal taħbit irregolari tal-qalb</p> <p><b>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi:</b> Quinidine sulfate u quinidine gluconate, procainamide</p> <p><b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> Kontra l-pessjoni għolja, li hija użata minħabba li tagħmel attività kontra r-ritmi irregolari. L-użu huwa rari imma għażla terapewtika importanti. Minħabba l-patofiżjoloġija differenti ta' taħbit irregolari huwa essenzjali li jkollu varjetà ta' mediċini li jaġixxu differenti sabiex ikunu jistgħu jitrattaw kundizzjoni speċifika. Waħda minn dawn il-mediċini normalment tikkonsisti f'kura unika biex tikkonverti lura għal ritmi normali, li tista' tiġi ripetuta biss f'okkażjonijiet rari.</p>

### Konvulżjonijiet

	Phenytoin	<p><b>Għan:</b> Terapija anti-konvulsiva fil-mohor. Kura tar-rhabdomyolysis. Kura tas-stringhalt.</p> <p>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi: Diazepam, primidone, dantrolene sodium (għar-rhabdomyolysis)</p> <p><b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> Anti-konvulsiv essenzjali fil-mohor. Phenytoin huwa ġeneralment miżjud fil-kura tal-kontroll ta' l-aċċessjonijiet jekk il-Primidone/Phenobarbital ma jikkontrollax l-aċċessjonijiet. Phenytoin huwa calcium channel-blocking aġent u utli għall-kura ta' forom rikorrenti ta' rhabdomyolysis.</p>
--	-----------	--

Indikazzjoni	Sustanza Attiva	Ġustifikazzjoni u spjegazzjoni ta' l-użu
	Primidone	<p><b>Għan:</b> Terapija anti-konvulsiva fil-mohor.</p> <p>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi: Diazepam, Phenytoin</p> <p><b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> Il-primidone huwa indikat bħala insegwiment għat-terapija diazepam jew bħala alternattiv.</p>

#### Aġenti gastrointestinali

	Bethanechol	<p><b>Għan:</b> Kura ta' l-ileus, kura ta' djuq gastrododenali fil-mohor, kura ta' impazzjonijiet rikorrenti żgħar fl-adulti</p> <p>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi: Neostigmine, metoclopramide, cisapride, erythromycin u sostanzi prokinetiċi oħra</p> <p><b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> Bethanechol huwa muscarinic cholinergic agonist li jstimola r-riċevituri acetylcholine fuq il-muskoli lixxi gastrointestinali, u jghegħhom jinġibdu. Ġie muri li jżid ir-rata ta' żvujtar ta' l-istonku u tal-musrana l-għamja. Kemm il-bethanechol kif ukoll il-metoclopramide ġew murija li huma ta' benefiċċju fil-kura ta' ileus wara l-operazzjoni.</p>
	Diocetyl sodium sulfosuccinate	<p><b>Għan:</b> Trattament għal <i>impactions</i></p> <p>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi: Żejt minerali</p> <p><b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> Jikseb aktar irtubija fil-kontenut intestinali meta kkumparat maż-żejt minerali minħabba li jippermetti l-penetrazzjoni ta' l-ilma fil-massa tal-feċi</p>
	Metoclopramide	<p><b>Għan:</b> Kura għal ileus wara l-operazzjoni</p> <p>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi: Bethanechol, neostigmine, cisapride, erythromycin u sostanzi prokinetiċi oħra</p> <p><b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> Metoclopramide huwa benzamide sostitwit b'għadd ta' mekaniżmi ta' azzjoni 1) huwa dopamine receptor antagonist; 2) iżid ir-rilaxx ta' acetylcholine minn cholinergic neurons intrinsiċi u 3) iwettaq attività ta' ibblukkar adrenerġiku. Huwa effettiv sabiex jerġa' jgħib koordinazzjoni gastrointestinali wara l-operazzjoni u jnaqqas it-total tal-volum, rata u dewmien ta' refluss gastriku. Metoclopramide huwa droga prokinetika, li taġixxi aktar fil-passaġġ gastrointestinali prossimali. Kemm il-bethanechol kif ukoll il-metoclopramide ġew murija li huma ta' benefiċċju fil-kura ta' ileus wara l-operazzjoni.</p>
	Propantheline bromide	<p><b>Għan:</b> Anti-peristaltic</p> <p>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi: Atropine, Lidocaine mogħti dilwit intrarettikament bħala enema</p> <p><b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> Propantheline bromide huwa quaternary ammonium anticholinergic sintetiku li jinibixxi motilità gastrointestinali u spażmi u jnaqqas is-sekrezzjoni ta' l-aċidu ta' l-istonku. Jinibixxi wkoll l-azzjoni ta' l-acetylcholine fit-tarf tan-nervituri postganglionic tas-sistema nervuża parasimpatetika. L-effetti tiegħu huma simili għal dawk ta' l-atropine għalkemm idumu aktar (6 sigħat). Propantheline bromide huwa għażla importanti sabiex titnaqqas il-peristalsis biex jiġi evitat tiċrit rettali waqt rectal palpation jew biex tiġi esplorata u kkurata tiċrita rettali potenziċi fejn jista' jkun diffiċli għal lidocaine enema biex taħdem b'mod effettiv.</p>

#### Rhabdomyolysis

	Dantrolene sodium	<p><b>Għan:</b> Kura tar-rhabdomyolysis. Kura ta' temperatura għolja malinna waqt l-anesteżija.</p> <p>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi: Phenytoin</p> <p><b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> Dantrolene jwettaq attività ta' rilassament tal-muskoli b'azzjoni diretti fuq il-muskoli minħabba li jinibixxi r-rilaxxament tal-kalċju mis-sarcoplasmic reticulum u għalhekk jikkawża diżassoċjazzjoni ta' excitation-contraction coupling. Kemm il-phenytoin kif ukoll id-dantrolene sodium instabu li huma utli għall-kura ta' forom rikorrenti ta' rhabdomyolysis.</p>
--	-------------------	--



Indikazzjoni	Sustanza Attiva	Ġustifikazzjoni u spjegazzjoni ta' l-użu
<b>Antimikrobiċi</b>		
— <b>Infezzjonijiet Klebsiella ssp</b>	Ticarcillin	<b>Għan:</b> Kura ta' infezzjonijiet <i>Klebsiella ssp</i> <b>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi:</b> Ebda alternattiva m'hi identifikata <b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> Antibijotiċi speċifiċi għal infezzjonijiet <i>Klebsiella ssp</i>
— <b>Infezzjonijiet rhodococcus equi</b>	Azithromycin	<b>Għan:</b> Kura ta' infezzjonijiet <i>Rhodococcus equi</i> <b>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi:</b> Erythromycin <b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> Kura standard flimkien mar-rifampicin, fil-moħor tollerat aħjar mill-erythromycin.
	Rifampicin	<b>Għan:</b> Kura ta' infezzjonijiet <i>Rhodococcus equi</i> <b>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi:</b> Ebda alternattiva m'hi identifikata <b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> Kura tar- <i>Rhodococcus equi</i> flimkien ma' erythromycin jew azithromycin. Kura ta' l-għażla.
— <b>Septic arthritis</b>	Amikacin	<b>Għan:</b> Kura ta' septic arthritis <b>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi:</b> Gentamicin jew aminoglykosides oħra <b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> Tollerata aħjar fil-moħor mill-gentamicin jew aminoglykosides oħra.
<b>Mediċini respiratorji</b>		
	Ambroxol	<b>Għan:</b> Stimulazzjoni ta' surfactant f'moħor prematuri <b>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi:</b> Ebda alternattiva m'hi identifikata <b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> Ebda alternattiva m'hi disponibbli
	Ipratropium bromide	<b>Għan:</b> Bronchodilation <b>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi:</b> Ebda alternattiva m'hi identifikata <b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> Azzjoni anticholinergic. Neċessarja bħala għażla terapewtika minħabba li f'xi każijiet hi aktar effikaċi mill- $\beta$ -agonists.
	Oxymetazolin	<b>Għan:</b> Kura ta' oedema nażali <b>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi:</b> Phenylephrine <b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> $\alpha$ -adrenoceptor agonist b'karatteristiċi qawwija ta' tidjiq tal-vini li huwa użat bi preferenza mal-phenylephrine minħabba li jdum aktar jaġixxi.
<b>Antiprotozoal agents</b>		
	Isometamidium	<b>Għan:</b> Kura ta' Equine Protozoal Myeloencephalitis <b>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi:</b> Pyrimethamine <b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> Marda li xi kultant hija riffrettarja għall-kura bil-pyrimethamine, u għalhekk hi meħtieġa alternattiva.

Indikazzjoni	Sustanza Attiva	Ġustifikazzjoni u spjegazzjoni ta' l-użu
	Pyrimethamine	<p><b>Għan:</b> Kura ta' Equine Protozoal Myeloencephalitis</p> <p><b>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi:</b> Isometamidium</p> <p><b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> Rata ta' suċċess ta' għall-anqas 75 % meta użat flimkien ma' sulfadiazine-sulfonamide.</p>

#### Mediċini oftalmiċi

— <b>Ulċeri okulari</b>	Acyclovir	<p><b>Għan:</b> Kura ta' ulċeri okulari (mediċina antivirali). Użu topiku</p> <p><b>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi:</b> Idoxuridine</p> <p><b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> Kemm acyclovir kif ukoll idoxuridine ġew murija li huma effettivi b'mod ugwali fil-kura ta' ulcerative herpetic keratitis.</p>
	Idoxuridine	<p><b>Għan:</b> Kura ta' ulċeri okulari (mediċina antivirali). Użu topiku</p> <p><b>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi:</b> Acyclovir</p> <p><b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> Kemm acyclovir kif ukoll idoxuridine ġew murija li huma effettivi b'mod ugwali fil-kura ta' ulcerative herpetic keratitis.</p>
— <b>Glawkoma</b>	Phenylephrine	<p><b>Għan:</b> Kura ta' glawkoma, epiphora, oedema nażali u splenic entrapment</p> <p><b>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi:</b> Tropicamide, (għall-glawkoma), mill-bqija m'hemmx alternattiva identifikata</p> <p><b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> Kemm phenylephrine kif ukoll tropicamide ġew murija li huma effettivi b'mod ugwali fil-kura tal-glawkoma.</p>
	Tropicamide	<p><b>Għan:</b> Kura tal-glawkoma. Użu topiku</p> <p><b>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi:</b> Phenylephrine,</p> <p><b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> Kemm phenylephrine kif ukoll tropicamide ġew murija li huma effettivi b'mod ugwali fil-kura tal-glawkoma.</p>
	Dorzolamide	<p><b>Għan:</b> Kura tal-glawkoma. Użu topiku</p> <p><b>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi:</b> Latanoprost, timolol maleate</p> <p><b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> Il-mod speċifiku tagħha ta' azzjoni bħala carbonic anhydrase inhibitor. Għażla terapewtika importanti.</p>
	Latanoprost	<p><b>Purpose:</b> Kura tal-glawkoma. Użu topiku</p> <p><b>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi:</b> Dorzolamide, Latanoprost</p> <p><b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> Il-mod speċifiku tagħha ta' azzjoni bħala Prostaglandin F2<math>\alpha</math>-analogue. Għażla terapewtika importanti.</p>
	Timolol maleate	<p><b>Għan:</b> Kura tal-glawkoma. Użu topiku</p> <p><b>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi:</b> Dorzolamide, Latanoprost</p> <p><b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> Il-mod speċifiku tagħha ta' azzjoni bħala beta-adrenergic receptor blocking aġent non-selettiv, jikkawża tidjiq tal-vini, li jwassal għal nuqqas fl-aqueous humour. Għażla terapewtika importanti.</p>

Indikazzjoni	Sustanza Attiva	Ġustifikazzjoni u spjegazzjoni ta' l-użu
	Cyclosporin A	<p><b>Għan:</b> Immunosuppressive użat għall-kura ta' mard autoimmune ta' l-għajnejn.</p> <p><b>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi:</b> Ebda alternattiva m'hi identifikata</p> <p><b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> Ebda alternattiva m'hi disponibbli</p>
	Ketorolac	<p><b>Għan:</b> Kura ta' uġiġħ fl-għajnejn u inflamazzjoni, mediċina non-steroidal u kontra l-inflamazzjoni, qtar fl-għajnejn, użu topiku.</p> <p><b>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi:</b> Ebda alternattiva m'hi identifikata</p> <p><b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> L-aktar esperjenza klinika wiesgħa bil-ketorolac meta kkumparata ma' kandidati potenzjali oħra għas-sustanzi essenzjali.</p>
	Ofloxacin	<p><b>Għan:</b> Kura ta' l-infezzjonijiet fl-għajnejn reżistenti għal kura b'antibijotiċi oftalmiċi użati b'mod komuni.</p> <p><b>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi:</b> Ciprofloxacina, cefamandole, kura b'antibijotiċi oftalmiċi użati b'mod komuni</p> <p><b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> L-aktar esperjenza klinika wiesgħa b'ofloxacin meta kkumparata ma' kandidati potenzjali oħra għas-sustanzi essenzjali. Komparata ma' kura b'antibijotiċi oftalmiċi użati b'mod komuni l-ofloxacin għandha tkun użata biss bħala antibijotiku ta' riżerva użat f'każijiet individwali.</p>
	Fluoresceine	<p><b>Għan:</b> Għodda dijanjostika għal ulċerazzjoni tal-kornea, użu topiku</p> <p><b>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi:</b> Rose Bengal</p> <p><b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> Rose Bengal għandu xi attività anti-virali filwaqt li fluoresceine m'għandu ebda effett sinifikanti fuq ir-replika tal-virus. Għalhekk, l-użu dijanjostiku ta' Rose Bengal qabel kultura virali tista' tipprekludi riżultat pożittiv. Għalhekk fluoresceine hija l-għodda dijanjostika ta' għażla meta tkun pjanata kultura virali.</p>
	Rose Bengal	<p><b>Għan:</b> Għodda dijanjostika għal dannu tal-kornea, użu topiku</p> <p><b>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi:</b> Fluoresceine</p> <p><b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> Rose of Bengal hija l-għodda dijanjostika li tintagħżel biex jiġi aċċertat dannu lill-korneja minn kmieni.</p>
	Hydroxypropyl methylcellulose	<p><b>Għan:</b> Protezzjoni tal-kornea, użu topiku</p> <p><b>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi:</b> Ebda alternattiva m'hi identifikata</p> <p><b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> Ebda alternattiva m'hi disponibbli</p>

### Hyperlipaemia

	Insulina	<p><b>Għan:</b> Kura ta' hyperlipaemia, użat flimkien ma' glucose therapy, dijanjosi ta' problemi metaboliċi</p> <p><b>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi:</b> Ebda alternattiva m'hi identifikata</p> <p><b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> Ebda alternattiva m'hi disponibbli</p>
--	----------	--

Indikazzjoni	Sustanza Attiva	Ġustifikazzjoni u spjegazzjoni ta' l-użu
<b>Infezzjonijiet fungali</b>		
	Griseofulvin	<p><b>Għan:</b> Użu antifungali sistematiku. Kura ta' ringworm</p> <p><b>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi:</b> Ebda alternattiva m'hi identifikata</p> <p><b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> Griseofulvin mogħti oralment jaġixxi tajjeb kontra Trichophyton, Microsporum, u Epidermophyton.</p>
	Ketoconazole	<p><b>Għan:</b> Użu antifungali sistematiku. Kura ta' pneumonja fungali u guttural pouch mycosis</p> <p><b>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi:</b> Azoles oħra bħal itraconazole</p> <p><b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> L-aktar esperjenza klinika wiesgħa bil-ketoconazole meta kkumparata ma' kandidati potenzjali oħra għas-sustanzi essenzjali.</p>
	Miconazole	<p><b>Għan:</b> Kura ta' infezzjonijiet fungali ta' l-għajnejn</p> <p><b>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi:</b> Ebda alternattiva m'hi identifikata</p> <p><b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> Użu topiku fl-għajn affettwata, attività antifungali usa' u/jew anqas irritazzjoni minn aġenti anti-fungali oħra</p>
	Nystatin	<p><b>Għan:</b> Kura ta' yeast infections għall-għajnejn u l-kanal ġenitali.</p> <p><b>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi:</b> Ebda alternattiva m'hi identifikata</p> <p><b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> Attività speċifika kontra yeast infections</p>
<b>Diversi</b>		
	Chondroitin sulphate	<p><b>Għan:</b> Fejqan tal-qarquċa. Chondroprotection. Kura ta' l-Artrite.</p> <p><b>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi:</b> Ebda alternattiva m'hi identifikata</p> <p><b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> It-titjib kliniku huwa aktar attribwit għal effetti anti-inflammatorji, inkluż inibizzjoni ta' sinteżi PGE<sub>2</sub> u inibizzjoni ta' rilaxx ta' cytokine.</p>
	Domperidone	<p><b>Għan:</b> Agalactia fid-debba</p> <p><b>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi:</b> Ebda alternattiva m'hi identifikata</p> <p><b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> Dopamine antagonist u up-regulates prolactin production.</p> <p>Oxytocin m'huwiex alternattiva adatta minħabba li jipproduċi nuqqas fil-ħalib flok żieda fil-ħalib, li huwa l-għan tat-terapija domperidone. Addizzjonalment, oxytocin x'aktarx li jikkawża uġiġħ addominali f'dożi kbar.</p>
	Hydroxyethylstarch	<p><b>Għan:</b> Sostituzzjoni kollodjali tal-volum</p> <p><b>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi:</b> Ebda alternattiva m'hi identifikata</p> <p><b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> Alternattiva Prattika u disponibbli għad-demem u l-plażma</p>
	Imipramine	<p><b>Għan:</b> Tnixxija tas-semen indotta farmaloġikament fiż-żwiemel bi problemi ta' tnixxija</p> <p><b>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi:</b> Ebda alternattiva m'hi identifikata</p> <p><b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> Ebda alternattiva m'hi disponibbli</p>

Indikazzjoni	Sustanza Attiva	Ġustifikazzjoni u spjegazzjoni ta' l-użu
	Thyrotropin releasing hormone	<p><b>Għan:</b> Dijanjostika użata għall-konferma ta' problemi tat-tirojde u l-pitwitarja</p> <p><b>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi:</b> Ebda alternattiva m'hi identifikata</p> <p><b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> Ebda alternattiva m'hi disponibbli</p>
	Barium sulphate	<p><b>Għan:</b> Aġent ta' kuntrast radjografiku użat għal eżaminazzjonijiet ta' kuntrast fl-osofagu u gastrointestinali.</p> <p><b>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi:</b> Ebda alternattiva m'hi identifikata</p> <p><b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> Ebda alternattiva m'hi disponibbli</p>
	Iohexol	<p><b>Għan:</b> Aġent ta' kuntrast radjografiku użata għal studju tal-kanal t'isfel ta' l-awrina, arthrography, myelography, sino- jew fistulography u dacryocystography</p> <p><b>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi:</b> Iopamidol</p> <p><b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> Non-ionic low osmolar contrast aġent. Kemm iohexol kif ukoll iopamidol huma aċċettati b'mod ugwali.</p>
	Iopamidol	<p><b>Għan:</b> Aġent ta' kuntrast radjografiku użata għal studju tal-kanal t'isfel ta' l-awrina, arthrography, myelography, sino- jew fistulography u dacryocystography</p> <p><b>Identifikazzjoni ta' l-alternattivi:</b> Iohexol</p> <p><b>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi:</b> Non-ionic low osmolar contrast aġent użat għal. Kemm iohexol kif ukoll iopamidol huma aċċettati b'mod ugwali.</p>